MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 64/2005

Kawza fil-lista: 39

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li premezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti A u C konjugi B kienu izzewgu fit-13 ta' Settembru, 1986 u dan fil-Knisja tal-Madonna Bon Consigli ta' Paceville, u dan skond in-numru progressiv fl-att taz-zwieg numru: 1653/1986 Dok. A;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew

fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg qatt ma sar bejn il-partijiet;

Peress illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg;

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikolu rilevanti skond l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti A u C konjugi B debitament kuntrattat fit-13 ta' Settembru, 1986 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament ingunta ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda;

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null fil-ligi ghar-raguni li "l-kunsens tal-partijiet" kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u ezaminat bir-reqqa l-affidavits esebiti.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Settembru 1986, wara gherusija ta' sena, u meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 24 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal. Fis-sena 2000 "circa" il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni.

Jirrizulta li l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet inqala' circa tlett snin wara d-data taz-zwieg. Il-konvenuta tghid li, peress li l-attur kien jahdem sighat twal hi kienet tkun waheda ghal zmien twil matul il-gurnata, u ghalhekk bdiet tiddejjaq u bdiet tfittex il-hbieb u tammetti li eventwalment kellha relazzjoni extra matrimonjali. Fi kliemha dan l-atteggjament taghha beda "qisu kif kelli z-zghir, qisu wara sentejn u nofs." [fol.41]. Tghid ukoll li llum ghandha relazzjoni ohra ma' ragel iehor.

L-attur minn naha tieghu jghid li l-inkwiet beda jissuspetta li l-konvenuta kienet tkun infidila lejh, circa tlett snin jew erba' wara d-data taz-zwieg. Huwa jispjega li peress li ried ihallas id-dejn tad-dar matrimonjali huwa kellu jahdem hafna, u l-konvenuta kienet hafna hin wahedha. L-attur jilmenta wkoll mill-karattru difficli tal-konvenuta.

Illi l-bazi legali ta' l-azzjoni odjerna huwa l-vizzju tal-kunsens [1] minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali; [2] kif ukoll fuq l-eskluzjoni posittiva ta' xi wiehed minn dawn l-obbligi, inkluz l-att konjugali. Hija relevanti l-osservazzjoni li l-mument krucjali huwa dak ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u dak li sehh wara z-

zwieg huwa relevanti biss jekk jitfa' dawl fuq dan il-kunsens fil-mument li kien inghata.

***Diskrezzjoni ta gudizzju***

In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta.

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003] [vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006*, u l-awturi u kazistika hemm citati]

Applikat il-premess ghall-fatti tal-kaz odjern, din il-Qorti ma tirravisax dan il-caput nullitatis la fil-konfront ta' l-attur u lanqas fil-konfront tal-konvenuta. Mill-provi ma jirrizultax li fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali dawna kellhom dik l-inkapacita' psikika li kienet timpedihom milli jaghmlu ghazla libera ta' dak li riedu, u l-Qorti hija sodisfatta li l-partijiet kienu jafu x' kienu l-obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali. Di fatti fl-ewwel tlett snin taz-zwieg ma kienx hemm inkwiet relevanti u sa dak iz-zmien il-kopja kellha zewgt it-tfal. Kien sussegwenti ghal dan li l-konvivenza,, jew ahjar il-modus vivendi taghhom, ma bdietx tghogobhom partikolarment lill-konvenuta, tant li dina bdiet tfittex il-hbieb u relazzjonijiet extra matirali.

Il-Qorti tosserva li l-komportament tal-partijiet wara z-zwieg jista' jghati lok, kif fil-fatt sehh, ghal raguni jew ragunijiet ghal separazzjoni personali, izda mhux ghall-annullament, stante li kif fehmet din il-Qorti fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg ma rrizultax li kien hemm ebda wiehed mill-caput nullitatis elenkati mill-ligi, fosthom dak kontemplat fil-paragraf [d].

Illi in kwantu ghat-tieni kawzali ta' l-attur bazata fuq is-simulazzjoni fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat, il-Qorti tosserva li mill-provi dan ma rrizultax. Ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali il-partijiet, esternament jew internament eskludew b' att posittiv tal-volonta' taghhom xi obbligu essenzjali ghal hajja matrimonjali. Mix-xhieda tal-konvenuta jirrizulta li, ghalkemm waqt iz-zwieg dina eventwalment bdiet

relazzoni ma rgiel ohra, dina fiz-zmien li zzewwget lill-attur kienet tat il-kunsens ghal dak li riedet. Hija tirrispondi hekk ghad-domanda li saritilha jekk xtaqitx li kienet mizzewga lilu: "Meta zzewwigtu nahseb xtaqtu, imma ma kienx hemm nahseb dik l-imhabba vera." [fol.40]. L-ewwel parti ta' din l-affermazzjoni tal-konvenuta hija sostanzjata bil-fatt li fl-ewwel snin taz-zwieg, u cioe' qabel ma kien inqala' l-inkwiet, dawna kellhom zewgt it-tfal.

Ghaldaqstant, ghalkemm matul iz-zmien il-partijiet hassew li kienu ghamlu zball meta zzewwgu, l-ebda wiehed mill-*caput nullitatis* propost mill-attur ma jikkonfigura f' dan il-kaz; u ghalhekk it-talba attrici ma timmeritax li tigi milqugha.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. *[App.C Carmel Farrugia vs Aine Farrugia – 28.07.1987, citata b' approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002]*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------